MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 41/2004

**Public Broadcasting Services Ltd**

**vs**

**Pauline Azzopardi u s-socjeta' Flower, Land and Nursery Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef erba' mija u disghin Liri Maltin hamsa u ghoxrin centezmu (LM3490.25c) rapprezentanti dritt dovut lis-socjeta' attrici ghal servizzi ta' reklamar rezi minnha fuq il-mezzi taghha tax-xandir, u dan flimkien ma' l-imghax**

**dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez ta' din il-procedura u tal-mandat ta' sekwestru nru. kontrihom li qed jigu ngunta minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-17 ta' Frar tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------